

32002L0062

12.7.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 183/58

## ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2002/62/KE

tad-9 ta' Lulju 2002

**li tadatta għall-progress tekniku għad-disa' darba l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri relatati ma' restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi (komposti organostanniċi)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li jirrelataw għal restrizzjonijiet dwar *il-marketing* l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/91/KE <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari Artikolu 2a tagħha, introdotta mid-Direttiva tal-Kunsill 89/678/KEE <sup>(3)</sup>,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/51/KE <sup>(4)</sup> li taddatta għall-progress tekniku għall-ħames darba Anness I għad-Direttiva 76/769/KEE, tipprojbixxi l-użu ta' komposti organostanniċi f'applikazzjonijiet *anti-fouling* fil-bwieq ta' dgħajjes ta' anqas minn ħamsa u għoxrin metru u bastimenti ta' kwalunkwe tul użati primarjament f'ilmijiet interni. Din id-Directive titlob għal reviżjoni tad-dispożizzjonijiet fir-rigward ta' komposti organostanniċi użati f'prodotti *anti-fouling* b'kont komplet meħud ta' żviluppi fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) u b'mod partikolari, is-sejħa tal-Kumitat tagħhom tal-Protezzjoni Ambjenatli Tal-Baħar għal projbizzjoni globali ta' l-applikazzjoni ta' komposti organostanniċi li jaġixxu bħala bioċidi f'sistemi *anti-fouling* fuq vapuri sa l-1 ta' Jannar 2003.
- (2) Studji xjentifiċi urew li ċerti sistemi *anti-fouling* użati fuq vapuri jimponu riskju sostanzjali għall-ambjent akwatik. Konvenzjoni Internazzjonali ta' l-IMO dwar il-Kontroll ta' Sistemi *Anti-fouling* ta' Ħsara, miftehma f'Konferenza Diplomatika ta' l-IMO f'Ottubru 2001, tinkludi projbizzjoni mill-1 ta' Jannar 2003, dwar l-applikazzjoni jew ir-riapplikazzjoni lil bastimenti ta' komposti organotini li jaġixxu bħala bioċidi f' sistemi *anti-fouling*.
- (3) Il-projbizzjoni ta' applikazzjoni jew riapplikazzjoni ta' komposti organostanniċi taffettwa direttament il-funzjonament tas-suq intern f'komposti organostanniċi u għalhekk huwa neċessarju li l-liġijiet ta' l-Istati Membri jiġu

approssimati f'dan il-qasam u konsegwentment li jiġi emendat Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE u b'mod partikolari, d-Direttiva 1999/51/KE.

- (4) Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jindirizza miżuri f'dak li għandu x' jaqşam mal-bastimenti trattati b'komposti organostanniċi.
- (5) Id-Direttiva 94/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(5)</sup> tirregola bastimenti ta' rikreazzjoni u dawn il-bastimenti għandhom ukoll ikunu soġġetti għall-istess restrizzjonijiet bħal dgħajjes oħra.
- (6) Din id-Direttiva ma taffettwax il-leġislazzjoni Komunitarja li tistabilixxi ħtiġiet minimi għall-protezzjoni tal-ħaddiema kontenuti fid-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE <sup>(6)</sup> u f' direttivi individwali bbażati fuqha, b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 90/394/KEE <sup>(7)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 1999/38/KE <sup>(8)</sup>, u d-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE <sup>(9)</sup> dwar il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà tal-ħaddiema minn aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol.
- (7) Din id-Direttiva ma taffettwax il-leġislazzjoni Komunitarja li tkopri l-użu ta' komposti organostanniċi f'plastiki li jkunu f'kontatt ma' l-ikel kontenuti fid-Direttiva tal-Kummissjoni 90/128/KEE tat-23 ta' Frar 1990 li tirrelata għal materjali u artikoli tal-plastika maħsuba sabiex jiġu f'kontatt ma' affarijiet ta' l-ikel <sup>(10)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2002/17/KE <sup>(11)</sup>
- (8) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-adattament għall-progress tekniku tad-direttivi dwar it-tneħħija ta' barrieri tekniċi għall-kummerċ f'sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

## Artikolu 1

Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE huwa hawnhekk addattat għall-progress tekniku kif stabbilit fl-Anness ma' hawnhekk.

<sup>(1)</sup> ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 201.

<sup>(2)</sup> ĠU L 286, tat-30.10.2001, p. 27.

<sup>(3)</sup> ĠU L 398, tat-30.12.1989, p. 24.

<sup>(4)</sup> ĠU L 142, tal-5.6.1999, p. 22.

<sup>(5)</sup> ĠU L 164, tat-30.6.1994, p. 15.

<sup>(6)</sup> ĠU L 183, tad-29.6.1989, p. 1.

<sup>(7)</sup> ĠU L 196, tas-26.7.1990, p. 1.

<sup>(8)</sup> ĠU L 138, ta' l-1.6.1999, p. 66.

<sup>(9)</sup> ĠU L 131, tal-5.5.1998, p. 11.

<sup>(10)</sup> ĠU L 349, tat-13.12.1990, p. 26.

<sup>(11)</sup> ĠU L 58, tat-28.2.2002, p. 19.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2002. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom. Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet fl-1 ta' Jannar 2003.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-9 ta' Lulju 2002.

Għall-Kummissjoni

Erkki LIIKANEN

Membru tal-Kummissjoni

---

## ANNEX

F'Anness I għad-Direttiva 76/769/KEE, il-punt 21 għandu jiġi sostitwit bil-punt li ġej:

<p>“Komposti Organostanniċi</p>	<ol style="list-style-type: none"> <li>1. Ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq għal użu bħala sustanzi u kostitwenti ta' preparazzjonijiet meta jaġixxu bħala bioċidi f'żebgħa ta' assoċjazzjoni libera.</li> <li>2. Ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq jew jintużaw bħala sustanzi u kostitwenti ta' preparazzjonijiet li jaġixxu bħala bioċidi sabiex jipprevjenu tniġġiż minn mikro-organiżmi, pjanti jew annimali ta':             <ol style="list-style-type: none"> <li>(a) bastimenti kollha minkejja t-tul tagħhom intiżi għal użu f'passaġġi interni ta' l-ilma u lagi marini, kostali, ilmijiet marini, kostali, estwari;</li> <li>(b) gaġeġ, baġi, xbieki u kwalunkwe tagħmir jew apparat ieħor użat fis-sajd għall-ħut jew għall-molluski;</li> <li>(ċ) kwalunkwe tagħmir jew apparat kompletament jew parzjalment <i>sommers</i>.</li> </ol> </li> <li>3. Ma jistgħux jintużaw bħala sustanzi u kostitwenti ta' preparazzjonijiet maħsuba għall-użu fit-trattament ta' ilmijiet industrijali.”</li> </ol>
---------------------------------	--